Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Numru. 12/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

JOSEPH GRIMA

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Grima ta' 18 –il sena bin Emanuel u Rita nee` Gatt imwieled Pieta`, Malta fit-22 ta' Frar 1985 u li joqghod Nru 212, Triq Villambrosa, Hamrun, Malta (Detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 169885 M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-13 t' April 2001 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din ir-raza, ai termini ta' l-artikolu 8 (a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;


Qrati tal-Gustizzja

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghadhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax (17) ta’ Frar, 2004 esebit f’dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument ‘CSH', sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-ewwel (1) ta’ Lulju, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta’ l-ewwel (1) ta’ Lulju;

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati ta’ l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu;

Rat il-ko-operazzjoni totali ta’ l-imputat u dana mill-ewwel opportunita` moghtija lilu u cioe` minn meta rrilaxxja l-istqarrija fit-13 t’April 2001 esebita f’dawn l-atti u mmarkata bhala Dokument ‘MC’;

Ghaldaqstant f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 8 (a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEPH GRIMA hati u tiddeciedi bl-applikazzjoni 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligjiiet ta’ Malta li tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni

li ma jaghmilx rejat iehor ghall-perjodu ta’ tliet snin mil-lum;

Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat u x’jigri f’kaz li hu jonqos li josservaha.

Il-Qorti qieghda tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jirtira d-dokument ‘MC1’ esebit f’dawn l-atti u jaghmel distruzzjoni tieghu.

Inoltre rigwardanti t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas spejjez tal-hatra ta’ l-esperti ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti rat li ma saret l-ebda nomina ta’ espert fil-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------